MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' April, 2009

Talba Numru. 8/2008

Avviz Numru 08/2008

Korporazzjoni Enemalta

vs

Joseph Mercieca et

It-Tribunal

Ra' l-Avviz tas-socjeta' attrici li permezz taghha s-socjeta' attrici talbet il-hlas mill-konvenuti jew minn minhom ta seba' mija tlieta u sebghin ewro u tmenin centezmi (€773.80) rapprezentanti hsarat kawzati f'arblu tad-dawl proprjeta' tal-korporazzjoni attrici fl-1 ta' Settembru, 2005 gewwa Triq Dawret ta' Birkirkara, f'Birkirkara.

Il-konvenuti ma hallsux l-ammont pretiz minkejja illi gew debitament interpellati permezz ta' ittra ufficjali numru 5037/07 li giet ipprezentata fil-Qorti tal-Magistrati Malta.

Bl-ispejjez ta’ l-istess ittra u bl-imghax legali minn notifika ta’ l-istess ittra sad-data tal-hlas effettiv.

Ra’ r-risposta tal-konvenut Mario Spiteri fejn gie eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u fl-ekwita’ u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan stante illi t-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta’ l-artiklu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minghajr pegudizzju ghas-suespost, il-konvenut m’ghandu jaghti ebda ammont  lill-korporazzjoni attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra’ r-risposta tal-konvenut Joseph Mercieca fejn gie eccepiet illi ma kienx l-eccipjent li habat mal-vettura, izda kien il-konvenut l-iehor Mario Spiteri.

Illi huwa ghalhekk il-konvenut Mario Spiteri li ghandu jwiegeb ghad-danni sofferti mill-korporazzjoni attrici.

Illi t-talba attrici in kwantu diretta kontra l-eccipjenti hija ghalhekk infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra’ x-xhieda bl-affidavit ta’ Mario Carabott u David Bonanno.

Ra’ illi s-smigh tal-kawza kienet inbdiet f’Gunju, 2008.

Ra’ d-dokumenti kollha ezebiti in atti.
Illi t-Tribuna kif presjedut illum mill-ewwel udjenza ta’ dan il-kaz fid-9 ta’ Jannar 2009 qajjem *ex uffcio*  l-inkomptenza tat-Tribunal in vista tan-natura tal-vertenza u talab lill-partijiet sabiex jirregolaw ruhhom dwar dan il-punt sa mill-ewwel udjenza li kellu f’dan il-kaz.

Ra’ illi d-difensur tal-korporazzjoni pprezenta nota ta’ sottomissjonijiet dwar l-eccezzjoni ta’ inkompetenza

sollevata ‘ex ufficio’ mit-Tribunal fejn huwa ddikjara illi l-Onorabbli Tribunal qatt ma seta’ jqajjem tali eccezzjoni minn jeddu u li l-fatt li qajjimha hu ghal kollox irritwali.

Ra’ illi l-konvenuti ma pprezentawx nota ta’ sottomisjonijiet izda rrimettew ruhhom ghad-decizjoni tat-Tribunal.

IKKUNSIDRA

ILLI dan il-kaz si tratta dwar talba ghall-hlas ta’ hsarat maghmula lill-korporazzjoni attrici, liema hsarat irrizultaw li gew kagunati f’arblu proprjeta’ tal-attrici wara incident awtomobilistiku li sehh fl-1 ta’ Settembru, 2005.

Illi skond l-eccezzjoni tal-konvenut Mercieca intqal illi l-vettura kienet misjuqa mill-konvenut l-iehor Mario Spiteri u ghalhekk l-istess Mario Spiteri kellu jwiegeb ghad-danni sofferti mill-korporazzjoni attrici.

Ra lli skond ir-rapport imhejji mill-Ghassa tal-Pulizija f’Birkirkara, ezebit in atti, gie rapurtat incident awtomobilistiku fejn kien hemm kollizzjoni li sehhet fil-bypass ta’ Birkirkara. Illi skond l-istess rapport gie rappurtat ‘a tempo vergine’ illi s-sewwieq kien qal illi huwa kien qieghed isuq il-vettura meta f’xi hin kien hassu hazin u tilef il-kontroll tal-vettura bil-konsegwenza illi l-vettura spiccat mal-arblu tal-elettriku.

Ra li l-hsarat fl-arblu gew konfermati mill-Pulizija fl-istess rapport u li l-pulizija kien acceda fuq il-post u nizzel ir-rapport skond dak li ntqal lilu dak il-hin mill-partijiet involuti.

Illi it-Tribunal jidhirlu illi t-talba kif intavolata hija biss talba ghall-hlas ta’ hsarat ikkawzati mill-konvenuti. Illi kien biss wara li ra’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u beda jisma’ u jgharbel il-provi li seta’ jikkonstata illi l-hsarat kienu kawzati minn incident awtomobilistiku u li l-incident awtomobilistiku kien wiehed involontarju bejn vettura

misjuqa minn wiehed mill-konvenuti li habtet go arblu proprjeta’ tal-korporazzjoni attrici.

Illi huwa pacifiku illi l-vertenza ta’ din il-kawza taqa’ taht l-artiklu 774(b) tal-Kap. 12 fejn it-Tribunal ghandu s-setgha moghtija lilu bil-ligi li jiddikjara l-inkompetenza ‘ex ufficio’, *‘meta, minhabba x-xorta jew il-valur tal-haga li tkun fil-kwistjoni, il-kawza ma tkunx ta’ kompetenza ta’ dik il-Qorti;’*. Illi l-kaz in ezami si tratta dwar hsara fl-arblu proprjeta’ tal-korporazzjoni attrici liema hsara kienet sehhet meta sewwieq ta’ vettura laqghat l’arblu proprjeta’ tal-korporazzjoni attrici involontarjament wara li s-sewwieq kien hassu hazin. Tilwimiet ta’ din ix-xorta u li jinkwadraw ruhhom fil-parametri ta’ din il-ligi jaqghu that ir-raba’ Skeda tal-Kap. 387 dwar l-Arbitragg Mandatarju u ghandhom jigu determinati biss b’arbitragg.

Huwa pacifiku illi r-raba’ Skeda tal-Kap. 387 dwar l-Arbitragg Mandatarju hija ligi ta’ ordni pubblika u li l-vertenza ta’ dan il-Kaz per konsegwenza jaqa’ taht dik l-istess ligi. Illi r-raba’ skeda tal-Kap. 387 dwar l-arbitragg telenka tlett tipi ta’ tilwimiet fejn l-Arbitragg huwa mandatarju u ghalhekk ghandhom jigu determinati b’arbitragg u ghandhom jittiehdu f’arbitragg. Illi t-tilwimiet dwar it-traffiku huwa wiehed minnhom. Fl-artiklu 1.2(b) tal-Kap. 387 tal-Arbitragg jinghad illi kwalunkwe’ talba ghal danni li m’hijiex talba ghal danni fil-persuna, li tkun tilwima li torigina minn hsara involontarja fil-proprjeta’ li tinvolvi l-vetturi taqa’ taht dan il-Kap. 387 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Huwa pacifiku ukoll iIli l-ligi tal-arbitragg huwa intiz li jindirizza kazijiet mertu ta’ din il-vertenza. Illi jirrizulta illi l-kaz odjern huwa kaz ta’ hsara involontarja fi proprjeta’ ta’ terzi u li tinvolvi vettura. Illi ghalhekk huwa pacifiku illi l-procedura ta’ arbitragg mandatarju ghandha tigi osservata u segwita alla lettera.

Illi fin-Nota ta’ sottimissjonijiet tal-korporazzjoni attrici, hija semmiet illi l-arbitragg mandatarju huwa intiz ghall-hsarat bejn zewg vetturi. Hawnhekk l-attrici ippruvat taghti x’tifhem illi l-ligi kienet intiza biss ghall-hsarat bejn zewg

vetturi. Izda t-Tribunal jifhem illi l-Kap. 387 huwa aktar estiz fejn l-istess ligi dwar l-arbiragg mandatrju hija intiza ukoll skond l-istess Kap. 387 f'kazijiet ta' hsara involontarja fil-proprjeta' li tinvolvi vettura mertu ta' din il-kawza .

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu kaz fejn kellu jinstema b'arbitragg izda minflokk l-att promotur gie intavolat erronjament f'dan il-*forum*. Illi meta t-Tribunal ghandu quddiemu ligi ta' ordni pubblika bhalma huwa l-arbitragg mandatarju, it-Tribunal ghandu s-setgha moghtija lilu bil-Ligi skond l-artiklu 774 (b) li jqajjem l-eccezzjoni ta' inkompetenza 'ex ufficio' fi kwalunkwe' stadju.

Illi fil-kaz odjern it-Tribunal qajjem din l-eccezzjoni fl-ewwel udjenza li kellu quddiemu. Illi fi kwalunkwe' kaz, meta il-mertu ta' talba tmur kontra l-Ordni Pubbliku ghandu jkollu effett anke f'proceduri gja inizjati stante illi n-natura tieghu huwa wiehed procedurali u l-import tieghu kellu jigi ssollevat direttament mit-Tribunal. F'dan il-kaz quddiem it-Tribunal jezistu zewg fattturi li jezorbitaw lil dan it-Tribunal milli jiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz. Illi mill-provi jirrizulta l-inkompetenza 'rationae materiae' ta' dan it-Tribunal fejn l-inkompetenza hija bazata fuq kaz li jorigina minn tilwima fejn hemm involut hsarat involontarji fi proprjeta' ta' terzi li tinvolvi vetturi. F'kazijiet simili, t-Tribunal ghandu mhux biss id-dritt izda ghandu d-dmir li jissolleva 'ex ufficio' ghaliex dan huwa principju ta' ordni pubbliku. (Paul Borg vs Jane Vassoaallo deciza 1/12/2003 mill-Qorti tal-Appell sede Civili Inferjuri). It-Tribunal in oltre ma jista' qatt jassumi gurisdizzjoni li jirrizulta li m'ghandux.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-kawzali tad-domanda ossia r-raguni guridika tat-talba ma gietx imfissra cara u sewwa mill-korporazzjoni attrici. Illi irrizulta lit-Tibunal illi l-att promotur kien ghall-hlas ta' hsarat kagunati mill-konvenuti jew minn minhom, izda l-att promotur naqas isemmi kif sehhew il-hsarat mertu tal-kawza. Huwa pacifiku illi il-kompetenza ma tippendiex bil-fors u unikament mit-taba ta' l-attur imma tista' tiddependi fejn ikun il-kaz mill-eccezzjoni tal-konvenut, kif gara fil-kaz odjern. (Carmelo

Cassar noe vs Victor Zammit deciza 23/06/2004 , mill-Qorti tal- Appell sede Civili Inferjuri). Il-Kaz quddiem it-Tribunal huwa wiehed fejn mill-eccezzjonijiet irrizulta illi l-azzjoni kienet ghall-hsarat li tinvolvi hsarat fil-proprjeta’ li tinvolvi l-vetturi, liema hsarat minn dokumenti ezebiti rrizultaw illi kienu hsarat involontarji li involvew vettura ta’ wiehed mill-konvenuti fuq il-propjeta’ tal-korporazzjoni attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa konvint illi dan huwa kaz li jezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal u l-mertu jaqa’ fil-kompetenza t’arbitragg.

It-Tribunal ghalhekk jaqta’ u jiddeciedi billi fil-waqt illi jichad it-talba attrici, jiddikjara lli huwa m’huwiex kompetenti jisma’ dan il-kaz u jillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-Ispejjez kollha ghall-korporazzjoni attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------